MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 38/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Victor Aquilina)**
**Vs**
**Andrew Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta tal-11.00 p.m., waqt li kien fir-residenza 7, Oaks, fi Triq il-Linja, Attard, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta’ Andrea Farrugia ID 577783 (M) hekk kif iccertifika Dr. Herman K. Borg Xuereb M.D ta’ l-Isptar San Luqa, liema ferita tista’ tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew tista’ ggib difett f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem jew tista’ ggib mankament jew sfregju fil-wicc.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Frar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9, u wara li rat ukoll il-fedina penali tieghu, ikkonsidrat li l-appellant gia kien ikkundannat ghal serq u mqieghed taht sentenza sospiza, sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Frar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati talli kkommetta offiza ta’ natura volontarja fuq il-persuna ta’ Andrea Farrugia w tirrevokaha f’dik il-parti fejn iddecidiet li l-offiza kienet wahda ta’ natura gravi u fejn ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sena w minflok issibu hati ta’ offiza ta’ natura hafifa w tikkundannah piena iktar ekwa fic-cirkostanzi jew, alternattivament, fl-eventwalita’ li ma tilqax l-aggravju fuq il-meritu, tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet lill-parte civile Andrea Farrugia waqt l-udjenza tal-lum.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni, d-difiza w l-parte civile qablu li fic-cirkostanzi jkun iktar xieraq li tigi applikata sentenza sospiza minflok wahda ta’ prigunerija effettiva.

Rat il-verbal li bih Dr. Giglio ghall-appellant iddikjara li qed jirtira l-aggravji fuq il-mertu w zammhom ferm biss ghal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar il-piena.

Rat in-nota tal-appellant f’dan is-sens.

Ikkonsidrat

Illi kif irrizulta mid-deposizzjoni tal-parte civile Andrea Farrugia, l-feriment in kwistjoni kien ir-rizultat ta' *"head but"* wara argument banali li nqala' bejn zewgt ihbieb li kienu qed jaghmlu barbeque flimkien, dwar kif ghandu jissajjar iz-zalzet biex ma jibqax bacteria go fih, u kien fil-kors ta' dan l-argument li l-appellant ta daqqa b'rasu u laqat lill-parte civile fuq imniehru w kkagunalu frattura.

Il-Qorti tinsab accertata mill-istess parte civile pero' li l-parte civile m'ghadha tbati minn ebda konsegwenza ta' dan il-feriment u l-Qorti wkoll ikkonstatat *"de visu"* li l-parte civile mhi qed isofri mill-ebda sfregju rizultat tal-incident in kwistjoni.

Inoltre l-parte civile ddikjarat bl-iktar mod kategoriku li hija kienet qed tahfer lill-appellant u taf li dan mhux persuna kriminali w li, jekk kien zbalja fl-incident in kwistjoni, llum jiddispjacih minn dak li ghamel ghax kif qal l-istess parte civile l-appellant *"is a changed man".*

Inoltre hu w l-appellant illum jitkellmu regolarment u m'hemm l-ebda animozita' bejniethom.

Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti tara li dan hu l-kaz klassiku fejn ghandu jkun hemm l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali billi, kif jaqblu l-istess partijiet kollha, s-sentenza ta' prigunerija effettiva tinbidel f'wahda ta' prigunerija sospiza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sena w minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' prigunerija ghal zmien sitt xhur, liema piena pero' ma tidholx fis-sehh dment li fi zmien sena mill-lum l-appellant ma jergax jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti fehmet bi kliem car lill-appellant ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Finalment il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghall-obbligi tieghu taht is-sub artikolu 8 tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------